MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2091/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha John Muscat u l-istess John Muscat**

**vs**

**Joseph Desira**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tmienja u hamsin lira Maltija u sitt centezmi (Lm358.06) u dana in kwantu ghas-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira u sitt centezmi (Lm283.06) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75) lill-attur iehor John Muscat, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru**

**DFY-668 fit-28 ta' Marzu, 2002 gewwa r-Rabat habat mal-vettura numru AAF-648 propjeta` ta' John Muscat u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru, 2002 kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut. Bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-18 ta' Novembru, 2003, fejn intqal illi:**
**It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-incident mertu tal-kawza sehh tort uniku ta' John Muscat minhabba sewqan negligenti u traskurat da parte ta' John Muscat, kif ser jkun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Ra wkoll r-risposta l-ohra prezentata mill-istess konvenut fid-19 ta' Novembru, 2003 fejn intqal:**
**i. illi l-incident de quo ma garax tort ta' l-eccipjent Joseph desira;**
**ii. Ghalhekk fejn jirrigwarda lill-istess Joseph Desira ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess l-atturi ghandhom jgibu prova skond il-ligi;**
**iii. inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni;**
**iv. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Sema' x-xhieda ta' John Muscat, Elija Muscat u Joseph Desira. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi s-socjeta’ attrici qed titlob danni ghall-incident li sehh fit-28 ta’ Marzu, 2002 fejn id-dahla tal-parkegg fir-Rabat vicin tal-bieb tal-Imdina.**
**2. L-assikurat kien qed isuq il-vettura AAF 648 filwaqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura xarabank DFY 668.**
**3. L-attur qed jghid li hu kien diehel fil-parkegg li hemm vicin tal-bieb tal-Imdina, meta minn warajh giet ix-xarabank tal-konvenut u laqtitu fuq wara. Il-konvenut qed jghid li l-attur qabzu u dahal quddiemu u b’hekk sehh l-incident.**
**4. L-attur gab jixhed in sostenn ta’ dak li qed jghid lill-missieru Elija Muscat li kien passiggier mieghu. Dana jikkonferma li waqt li gja kienu qabdu u bdew dehlin sew fil-bokka tal-parkegg, saqet xarabank minn warajhom u dahlet fihom.**
**5. L-attur jikkonferma li precedentement kien issorpassa lix-xarabank li kienet fuq ix-xellug tieghu.**
**6. Bhala danni l-attur kellu hsarat fuq wara fuq in-naha tax-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu l-hsarat fuq quddiem fuq ix-xibka u “spoiler” u aktar lejn il-lemin kif indikat fil-“front to rear form” esebita a Fol.2 tal-process.**

**7. Jigi rilevat illi:**
**“Fil-kors ordinarju tat-traffiku stradali, vejikolu li jkun miexi quddiem vejikolu iehor, u jigi milqut mill-vejikolu ta’ warajh, ikollu favur tieghu salvi cirkostanzi specjali, il-principju illi responsabbli tal-habta jkun il-vejikolu ta’ wara, specjalment meta l-vejikolu ta’ quddiem kien fuq is-“side” tieghu. Imma biex wiehed jasal ghal konkluzjoni korretta f’kaz simili, jehtieg jiddistingwi bejn il-kaz hekk indikat u l-kaz tal-vejikolu li jigi milqut bla ma tkun interveniet ebda manuvra precedenti. B’mod illi, jekk si tratta minn vejikolu li originarjament kien miexi wara vejikolu iehor, u mbghad jissorpassah, u jigi milqut minn dak il-vejikolu hekk sorpassat, il-kaz ikun differenti.**
**Ghax f’dan il-kaz ghandu jigi distint jekk il-vejikolu li ghamel l-“overtaking” baqghax sejjer, jew inkella waqafx, wara li ghamel il-manuvra tal-“overtaking”; u din id-distinzjoni hija fondamentali, u ghandha**

**tikkostitwixxi l-"punto di partenza" fil-fissazzjoni tal-aspett guridiku tal-kaz.**
**Bil-konsegwenza illi l-vejikolu li gie milqut mill-vejikolu ta' warajh jehtieglu jaghmel il-prova sabiex ir-responsabbilta` tal-kollizjoni taqa' fuq il-vejikolu li habat mieghu minn wara, illi, wara li ssorpassa l-vejikolu li kellu quddiemu, u waqaf wara li ssorpassah, kien hemm f'dak il-waqt spazju sufficjenti li fih id-driver tal-vejikolu sorpassat, kieku kien qed izomm dik li tissejjah " a proper look-out", u jekk li speed li bih kien qed isuq kien sewwa, seta' jimmanuvra b'mod li ma jolqotx il-car li ssorpassah u waqaf quddiemu. U jekk dan l-ispazju ma jigix pruvat li kien hemm, xejn ma jiswa li d-driver tal-karozza milquta kien ghamel sinjal li kien ser jieqaf, ghax is-sinjal irid ikun "timeous", u ghandha tithalla distanza tali li l-karozza ta' wara tista' twaqqaf fil-waqt" (William Buhagiar vs Nazzareno Borg Vol.XLIII-I-243).**

**Jinghad ukoll illi:**

**"Where a car is travelling in a straight course, turning neither to left nor to right, and is struck in the rear by another vehicle, the driver of the rear car is usually held responsible, especially if the car in front was on the proper side of the road. The front car has a superior right; his look-out is ahead, and not behind; and he owes no duty to the rear except to use the road in the usual way, in accordance with the rule of the road….." Trial of Motor Car Accident Cases – para.83.**

**Inoltre kif jghid ic-Charlesworth:**

**"In all cases, it is the duty of the person overtaking to allow an adequate margin of safety between his vehicle and the vehicle overtaken." The Law of Negligence p.79.**

**8. Dwar il-htija ta' l-incident it-Tribunal qed iqies li huwa minnu li l-attur kien issorpassa lill-konvenut, u ma setghax halla xi distanza konsiderevoli bejnu u**

**bejn il-konvenut, peress li d-dahla ghall-parkegg tinsab piuttost vicin tal-bieb tal-Imdina. Pero` ghalkemm dahal quddiem il-konvenut, jirrizulta ukoll li l-konvenut kien qed inizzel xi nies mix-xarabank. Ghalhekk meta sehh is-sorpass il-konvenut ma ndunax bl-attur li ssorpassah, u meta qabad u saq sabu quddiemu diehel fil-parkegg bil-konsegwenza li sehhet il-kollizzjoni. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, kif ukoll tal-fatt li l-attur kien gja dahal sew fil-parkegg, ma jirrizultax li kien hemm xi negligenza fis-sewqan da parti tal-attur, u l-incident sehh unikament minhabba nuqqas ta' "proper look-out" da parti tal-konvenut.**

**9. Bhala danni ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kwantum.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u tmenin lira u sitt centezmi (Lm283.06) u lill-attur John Muscat is-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75). Bl-imghaxijiet dekorribli kontra l-konvenut mill-6 ta' Novembru, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru, 2002 kontra l-konvenut u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------